MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 25/2006

Kawza fil-lista: 15

**A sive B C, f’ isimha proprju**
**u bhala kuratrici ad litem ta’ binha minuri D**
**vs**
**E sive F C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti qeda titlob l-awtorizzazzjoni ta’ din il-Qorti sabiex tezegwixxi is-sentenza fl-ismijet premessi moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Frar 1995, stante t-trapass tal-hames snin, u stante li dak assenjat lilha permezz ta’ l-imsemmija sentenza, ghadu ma giex mhallas mill-konvenut;

Rat ir-riposta ta’ l-intimat li dwar il-meritu jghid dik il-parti ta’l-immsemmija sentenza, li tirrigwarda l-immobbli, kienet

diga' giet ezegwit, filwaqt li "kwantu ghall-flejjes li jissemmew [fir-rikors] dan ir-rikors ghandu jirreferi biss ghal dawk il-flejjes fil-kawza fl-ismijiet premessi li gew approvati li jezistu fil-mument tal-firda, liema prova trid temergi mill-provi processwali u dokumenti li gew ezebiti f' dik il-kawza";[1]

Rat il-provvediment moghti minn din il-Qorti fl-14 ta' Dicembru 2006 li jirrigwarda l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-konvenut;

Rat id-digriet moghti fl-udjenza ta' 1 ta' Marzu 2007 li permezz tieghu giet ordnata l-allegazzjoni tal-process 1142/90FD li ghalih tirriferi s-sentenza precitata;

Rat il-provvediment moghti minn din il-Qorti fil-31 ta' Mejju 2007;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati, u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attrici qeda titlob li tigi awtorizzata minn din il-Qorti tezegwixxi s-sentenza precitata, stante t-trapass ta' hames snin, u precizament dik il-parti li tirrigwarda l-flus depozitati fil-banek lokali u esteri u li kienu gew assenjati lilha permezz ta' l-istess sentenza.

Illi permezz tas-sentenza de quo, l-attrici, fil-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, giet assenjata inter alia "kull ammont ta' flus li jinsabu depozitati kemm lokalment kif ukoll f' kontijiet esteri."[2] L-istess sentenza taghmel referenza ghar-rapport tal-perit legali u tghid li, hlief ghal xi varjazzjoni, il-Qorti "taqbel li d-divizjoni ghandha ssir kif suggerit [mill-perit legali] a fol.263 tal-process."

---

[1] Fol.30
[2] Pagna 12 – fol.14

Illi jidher car li dik il-Qorti kienet strahet fuq il-likwidazzjoni kontenuta fir-rapport tal-perit legali li, inter alia, identifika l-flus li kien hemm f' Bank lokali fl-ammont ta' circa LM1,000, filwaqt li dawk depozitati fil-Barclays Bank fl-ammont ta' circa £1,500.

Illi mill-provi jirrizulta car li l-intimat ma kienx hallas dawn il-flus lill-attrici kif ordnat bl-imsemmija sentenza; mill-banda l-ohra pero' ma jirrizultax li l-attrici kienet hadet xi passi in kawtela ta' dan il-kreditu taghha gja kanonizzat b' sentenza.

Illi l-proceduri odjerni huma diretti biss biex din il-Qorti tawtorizza l-ezekuzzjoni ta' sentenza, u ghalhekk il-kompitu taghha huwa limitat sabiex [1] tidentifika li hemm kreditu kanonizzat fis-sentenza li taghha qed tintalab l-awtorizzazzjoni, u [2] u tistabbilixxi jekk dan il-kreditu thallas mid-debitur.

Illi fil-kaz in dizamina, jirrizultaw b' mod car l-ammonti ta' flus dovuti mill-intimat lir-rikorrenti, u jirrizulta provat ukoll li dan il-kreditu sallum ghadu ma giex sodisfatt minnu.

Ghaldaqstant tilqa' it-talba tar-rikorrenti fis-sens li tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza precitata ghal kreditu fuq indikat.

Spejjez a kariku ta' l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------